



Brussell, 10 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6296/26

LIMITE

COEST 143

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ndan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u dwar l-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali eletti tal-Ukrajna

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea  
fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika  
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,  
u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra,  
fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokomitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika  
u dwar l-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Komitat Konsultattiv Konġunt  
bejn il-Komitat Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali eletti tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu tal-Ftehim jafferma l-impenn tal-Partijiet li jmxexxu 'l quddiem ir-riformi u l-proċessi ta' approssimazzjoni fl-Ukrajna, abbażi ta' valuri komuni.
- (3) Skont il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jidħlu f'diversi forom ta' djalogu u kooperazzjoni, inkluż djalogu politiku fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku (l-Artikolu 4), djalogu u kooperazzjoni dwar riformi domestiċi, kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u kooperazzjoni fil-qasam tal-politika reġjonali.
- (4) F'konformità mal-obbligu tagħhom li jinvolvu ruħhom fi djalogu u kooperazzjoni, il-Partijiet jixtiequ jistabbilixxu sottokumitat dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika skont il-Ftehim u japprovaw l-istabbiliment ta' kumitat konsultattiv konġunt bejn il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali eletti tal-Ukrajna.

---

<sup>1</sup> ĠU L 161, 29.5.2014, pp. 3, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2014/295/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/295/oj).

- (5) Il-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali f'oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (6) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddeċiedi dwar l-istabbiliment tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u għandu japprova l-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali eletti tal-Ukrajna,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE- għandha tkun li tappoġġa l-istabbiliment tas-Sottokomitati għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Komitati Konsultattivi Konġunt bejn il-Komitati Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali eletti tal-Ukrajna, u għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---